TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 33/15/F

**Vince Gilson**

**vs**

**Cutajar Ltd.**

Illum 21 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' *deep fryer* illi kellu l-ħsara.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *deep fryer* għall-prezz ta' erbgħa u ħamsin ewro u erbgħin ċenteżmi (€54.40) mingħand is-soċjeta' intimata, illi kellha garanzija ta' sentejn u wara ftit żmien ġralha l-ħsara u għalhekk qed jitlob waħda ġdida.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi din hija *wear and tear* u li ma kienx difett moħbi, u allura m'għandux dritt għal rifużjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-garanzija hija ta' sentejn u li tkopri kull tip ta' ħsara.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tletin ewro (€30), u b'dan illi d-*deep fryer* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888